# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru 224/14 FDP**

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Teshai Wayne, u l-istess Tesahi Wayne (ID 22122A)**

**vs**

**U.C.I.M. Co. Limited**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 4 ta' Lulju 2014 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallashom is-somma ta' sitt elef, mija u hamsa u disghin Euro (€6,195) rappresentanti kumpens ghall-hsara sofferta mill-istess rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident li sehh fit 3 ta' Settembru 2012 gewwa l-fond Waldorf Auto Service Centre, Msida Valley Road, Msida, propjeta tas-socjeta intimata konsistenti minn dhul ta' ilma u gharar a dannu tal-vettura assigurata mis-socjeta mittenti u propjeta' tar-rikorrenti Wayne bin-numru ta' registrazzjoni OLD007, liema vettura kienet fil-kura w il-kustodja tas-socjeta intimata fid-data tal-incident in kwistjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata ppresentati fit-23 ta' Settembru 2014 fejn laqghat ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

1. Illi, fl ewwel lok, is-socjeta' esponenti teccepixxi illi l-hsara subiti mir-rikorrenti graw illi b'accident jew b'forza magguri a tenur tal-Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, in aggunta ma' dak appena premess, is-socjeta' esponenti tirrileva illi fid-data tal-incident de quo, u cioe' fi 3 ta' settembru 2012, il-gzejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li halliet herba shiha diversi lokalitajiet partikolarment fic-centru w in-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab I-istabbiliment tas-socjeta esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Kwindi, l-imsemmija societa' qatt ma tista' tinstab responsabbli ghal xi dannu versu r-rikorrenti;

3. Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti huma lkoll infondanti fil fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom;

4. Illi, fi kwalunke kaz u minghajr pregudizziu ghal premess, I-entita' tad-danni pretizi mir rikorrenti huwa kontestat. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom jressqu l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda tal-**PC1486 Gordon Portelli** prodott mis-socjeta rikorrenti u moghtija fit 13 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Teshai Wayne** moghtija fit-13 ta' Novembru 2014 u rat ir-ritratti minnha esebita tal-vettura taghha, ossija Alfa Romeo 156 bin-numru ta' Regsitrazzjoni OLD 007.

Semghet ix-xhieda ta' **Michael Borg Costanzi**, Head of Motor Underwriting and Motor Claims fi hdan is-socjeta rikorrenti Citadel Insurance plc, moghtija fit-2 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda tas-surveyor **Natalino Agius**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-6 ta' Lulju 2015 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis-6 ta' Lulju 2015 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Philip Grech**, prodott mis-socjeta intimata, u moghtija fit-18 ta' Jannar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebiti, fosthom rapport tieghu dwar l-"*Flooding event of 3 September 2012*" datat 20 ta' Gunju 2014. (fol 49)

Semghet ix-xhieda tal-Perit Philip Grech moghtija in kontro ezami fit 30 ta' Mejju 2016.

Rat id-dokumentazzjoni ippresentat mis-socjeta rikorrenti fit 30 ta' Mejju 2016, ossija rappurtagg dwar il-maltemp ta' dakinhar.

Rat id-dokumentazzjoni prodotta mis-socjeta intimata fis-16 ta' Frar 2017, ossija ix-xhieda tal-Perit Philip Grech, Carm Galea, Brian Micallef, Anthony Pisani u Adrian Galea moghtija quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Gasan Mamo Insurance Limited noe vs UCIM Co Limited**, Cit Nru 750/13 JRM, illi ghadna pendenti u li tirrigwarda l-istess maltempata.

Rat illi fit-3 ta' April 2017 il-partijiet qabblu illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali.

Rat is-sottomissjonijet bil-miktub ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti ippresentati fit 13 ta' Gunju 2015.

Rat is-sottmissjonijet bil-miktub ta' l-abbli difensur tas-socjeta intimata ippresentati fil 5 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fil-5 ta' Ottbru 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta intimata ghandha *service station* gewwa Msida Valley Road, Msida, fejn hija tipprovdi varji servizzi ta' riparazzjoni relatati ma' vetturi, fosthom illi taghmel service lill-vetturi.

Jirrizulta illi r-rikorrenti Teshai Wayne hija l-propretarja ta' vettura tal-ghamla Alfa Romeo 156, bin-numru ta' registrazzjoni OLD 007.

Jirrizulta illi r-rikorrent Teshai Wayne hadet il-vettura taghha ghand is-socjeta intimata fit-2 ta' Settembru 2012 sabiex tinghata *service* u l-vettura inzammet mis-socjeta intmata gewwa l-garages taghha sabiex tinghata x-xoghol mehtieg.

Jirrizulta illi fit-3 ta' Settembru 2012, sehhet maltempata kbira illi wasslet ghal gharar ma' varji lokalitajiet f'Malta u Ghawdex, inkluz fil-wied tal-Msida, fejn kien hemm il-garage tas-socjeta intimata u fejn kienet qed tinzamm il-vettura tar-rikorrenti Wayne.

Jirrizulta illi, skond ix-xhieda tar-rappresentanz tal-ufficcju meterologiku, Brian Micallef, fiz-zona fejn tinstab il-garage tas-socjeta intimata, fil-ghodu ghamlet madwar 45.6 millimetri ta' xita f'temp ta' anqas minn 45 minuta filwaqt illi wara nofwsinhar ghamlet madwar 74.4 millimetri ta' xita f'temp ta' siegha. (fol 132)

Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' dan il-maltemp kbir illi hakem il-gzejjer maltin dakinhar, dahal ilma fil-garages u ufficini tas-socjeta intimata, bil-livell ta' ilma illi jitla ghal aktar minn nofs metru 'l fuq mill-livell tal-garage.

Jirrizulta illi, skond ix-xhieda ta' Carm Galea, Manager tal-Parts Department tas-socjeta intimata u maghha impjegat ghal dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin sena, jirrizulta illi l-impjegati tas-socjeta intimata ippruvaw jaghlqu s-shutters tal-garage bil-ghan illi jnaqqsu d-dhul ta' l-ilma izda dana kien kollu ghal xejn kif ukoll tellghu l-vetturi illi setghu fuq il-"jacks" illi kellhom fil-garage u rabtu dawk li kien fadal sabiex ma jikaxkrux bl-ilmijiet ghaddejjin, liema ilmijiet l-istess Galea jikkonferma illi f'sebgha u ghoxrin sena huwa qatt ma raha qabel.

Jirrizulta illi, rizultat ta' dawna l-gharar, il-vettura tar-rikorrenti Wayne, bin-numru tar-registrazzjoni OLD 007 kienet wahda mill-vetturi illi spiccat mgharqa fl-ilma, fost il-varji karozzi illi kien hemm.

Jirrizulta illi fit-23 ta' Novembru 2012, wara illi r-rikorrenti Wayne fethet claim mas-socjeta rikorrenti Citadel Insurance plc illi maghna l-vettura taghha kienet assikurata u wara illi l-vettura giet dikjarata bhala "*beyond economical repair*" (fol 34), is-socjeta rikorrenti hallset lir-rikorrenti Wayne is-somma ta' Sebat Elef Euro (€7,000) (fol 26).

Jirrizulta illi eventwalment, fl-4 ta' Lulju 2014, ir-rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni kontra s-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta intimata, fid-difiza taghha, taghmel referenza ghal dak stabbilit fl-Artikolu 1029 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jghid is-segwenti:

> *Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.*

Id-difiza tas-socjeta intimata, ghalhekk, hija li l-gharar illi sehhew gewwa l-garage tal-UCIM, fejn kienet qed tinzamm il-vettura tar-rikorrenti, ossija Alfa 156 bin-numru ta' registrazzjoni OLD 007, kienu rizultat ta' forza magguri.

Kif gie osservat fil-kawza "**Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit 18 ta' Novembru 2002,

> *"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna "'il-forza magguri' hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l- avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza" (**Delia v. Segretarju Permanent et, Appell (Inferjuri)19/05/2004 u Borg Falzon v. Darmanin, Appell Kumm. 7/06/1940**), kif ukoll "il caso fortuito o la forza maggiore e' l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile" (**Azzopardi v. Arcicovich et, Appell Civili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p.172**). Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'bonus pater familias' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'colpa (**Kurunell Hugh v. Negte Busuttil, Appell Kummercjali, 16/11/1942**). Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu (**App.Inf. Falzon vs Formosa 4/12/1991**).*

Dana ifisser illi irid ikun hemm kemm l-element tal-imprevedibilita kif ukoll l-element ta' nuqqas ta' kontributorjeta' mill-persuna illi kontriha qieghda ssir it-talba ta' risacriment, fil-kaz odjern, is-socjeta intimata.

Il-Qorti, f'dana l-istadju, taghmel referenza ukoll ghal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza '**Middlesea Insurance plc et vs Waldorf Auto Services Co. Limited et**' deciza fis-17 ta' Novembru 2017 rigwardanti talba identika ghal dik meritu tal-kawza odjerna, minn parti ohra, relatata ma' l-istess incident li wassal ghal kaz odjern, fejn dik il-Qorti qalet hekk:

> 17. *Dwar l-element tal-prevedibbilità o meno tal-maltempata in kwisjoni, mill-atti jirriżulta li x-xita li għamlet fit-3 ta' Settembru 2012 kienet ħafna u dan f'ammont sostanzjali fi żmien qasir. Minħabba dan il-flash flooding il-livell tal-wied tal-Msida ogħla sostanzjalment għaliex is-sistemi ta' gutters tat-triq ma bdewx ilaħħqu mal-ammont ta' ilma li niżel f'salt . Dan hu spjegat fir-rapport u fix-xhieda tal-Perit Philip Grech li kkonferma li maltempata ta' tali portata hija eċċezzjonali u tiġri f'medja darba kull 75 sena. Effettivment, Carmel Galea, impjegat ma l - U.C.I.M. Co. Ltd mill-1987, jgħid li din kienet l-ewwel darba kemm ilu jaħdem hemm li daħal l-ilma ġol-garaxx fejn jaħdem.*
>
> 18. *Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li għalkemm l-ilmijiet tax-xita fi Triq il-Wied l-Imsida mhumiex avveniment rari, il-maltempata ma kinitx waħda tas-soltu.*
>
> 19. *Sabiex jissussisti l-casus l-event irid ikun irreżistibbli. Skont il-Perit Grech il-fond tal-appellanti kellu karatteristiċi u miżuri sabiex tiġi evitata inondazzjoni ta' ilma, fosthom ix-xaqlib tat-triq, sistema ta' gutters u katusi, u driveway ta' distanza kon siderevoli mit-triq. Hu evidenti li dan ma kienx biżżejjed. Il-perit Philip Grech*

*mistoqsi diversi drabi dwar x'miżuri segħu ittieħdu mill-intimati biex jiġi evitat il-flooding, dejjem tenna li l-ebda miżura ma setgħet tevita jew timmitiga l-effetti tal-flash flood tat-3 ta' Settembru 2012. Skont il-perit l-ebda pompa ma setgħet tlaħħaq u l-ebda sump ma kien ikun kbir biżżejjed tant illi barriera fil-viċinanzi intliet u dan ma kellu ebda effett fuq il-livell tal-ilma li għarraq it-triq.*

Jirrizulta illi fil-kaz odjern, kif qalet il-Qorti tal-Appell (Inferjur), fil-kaz fuq citat:

*Il-qorti mhijiex konvinta li ma kienx hemm x'tagħmel. Wieħed irid jiftakar li l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuti. L-opinjoni tal-perit Grech mhijiex biżżejjed biex tiskolpa lill-appellanti.*

Dina l-Qorti wkoll ma hijiex konvinta illi s-socjeta intimata ghamlet dak illi setghet sabiex tevita illi ssehh tali incident.

Jirrizulta car, mill-provi prodotti, illi l-vettura gherqet fl-ilma waqt illi dina kienet fil-pussess tas-socjeta intimata fil-garage taghha u ma jirrizultax illi l-vettura kienet fi stat illi ma setghetx titnehha minn fuq il-post <u>qabel</u> ma bdew isehhu l-gharar, anke invista tal-fatt illi t-temp kien gia ta' maltemp dakinhar, u ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta intimata illi taghmel il-verifiki kollha taghha sabiex il-perikolu li fih kienet qieghda l-vettura tar-rikorrenti tigi evitata u tassikura illi ma jsirilhiex hsara, fatt illi s-socjeta intimata naqqset milli taghmel u ghalhekk ma tistax ma tkunx responsabbli ghal tali hsarat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha u wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata UCIM Co Limited thallas lis-socjeta rikorrenti Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghhom Teshai Wayne u l-istess Teshai Wayne is-somma ta' **sitt elef, mija u hamsa u disghin Euro (€6,195)** rappresentanti kumpens ghall-hsara sofferta mill-istess rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident li sehh fit-3 ta' Settembru 2012 gewwa l-fond Waldorf Auto Service Centre, Msida Valley Road, Msida, propjeta tas-socjeta intimata konsistenti minn dhul ta' ilma u gharar a dannu tal-vettura assigurata mis-socjeta mittenti u propjeta' tar-Teshai Wayne bin-numru ta' registrazzjoni OLD007, liema vettura kienet fil-kura w il-kustodja tas-socjeta intimata fid-data tal-incident in kwistjoni.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mill- <u>10 ta' Jannar 2014</u> sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur